MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GEOFFREY VALENZIA

Seduta ta' l-24 ta' April, 2006

Citazzjoni Numru. 152/2006

**Ballut Blocks Services Limited (C8360)**
**Vs**
**John Mary sive Jimmy Bugeja u martu Josephine Bugeja**

**Il-Qorti.**

Rat l-att tar-rikors guramentat li permezz tieghu gie sottomess:

Illi s-socjeta' esponenti hija kreditrici tal-konvenuti fl-ammont ta' disat elef disa' mija tnejn u sittin lira maltin u erbgha u erbghin centezmu (Lm9,962.44) rapprezentanti prezz ta' materjal tal-bini, mibjugh u konsenjat lill-konvenuti, hekk kif jirrizulta mill-anessi fatturi markati Dok. BBS1 u BBS2.

Illi l-imsemmi ammont huwa dejn cert, likwidu u dovut u fil-fehma ta' l-istess socjeta' esponenti jikkonkorru l-elementi preskritti mill-artikoli 167 sa 170 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta, sabiex din il-kawza tigi deciza bid-dispensa tas-smiegh, billi fil-fema ta' l-istess socjeta' esponenti il-konvenuti m'ghandhom ebda eccezzjoni xi jressqu kontra t-talba ghall-hlas ta' l-imsemmi ammont;

Illi ghalkemm il-konvenuti gew interpellati ripetutivament sabiex ihallsu l-imsemmi ammont, anke permezz ta' ittra ufficali datata 23 ta' Mejju, 2005 huma baqghu inadempjenti u ma halsux.

Dawn il-fatti huma maghrufa lill-esponenti personalment.

Illi kif diga premess, ghalkemm il-konvenuti gew interpellati ripetutivament sabiex ihallsu l-imsemmi ammont, anki permezz ta' ittra ufficjali datat 23 ta' Mejju, 2005, huma baqghu inadempjenti u ma halsux.

Ghalhekk kellha ssir din it-talba.

Illi ghalhekk, ghar-ragunijiet premessi l-esponenti titlob bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti sabiex, prevja li jinghataw id-dikjarazzjonijiet u l-provedimenti kollha opportuni:

1. Tiddecidi din il-kawza bid-dispensa tas-smiegh, ghall-finijiet ta' l-Artikoli 167 sa 170 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Tikkundanna lill-konvenuti in solidum ihallsu lis-socjeta' esponenti l-ammont ta' disat elef disa' mija tnejn u sittin lira Maltija u erbgha u erbghin centezmu (Lm9,962.44) rapprezentanti prezz ta' materjal tal-bini, mibjugh u konsenjat lill-konvenuti, hekk kif jirrizulta mil-annessi fatturi markati Dok. BBS1 u BBS2;

Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali datata 23 ta' Mejju, 2005, dawk relattivi ghall-mandat ta' inibizzjoni kontestwalment prezentat, oltre l-imghaxijiet legali sal-jum ta' l-effettiv pagament kontra l-konvenuti li huma minn issa ngunti ghas-subizzjoni taghhom.

Rat in-nota ta’ ammissjoni tal-intimati prezentata seduta stante li permezz taghha ammettew it-talbiet kif dedotti fir-rikors;

Billi mill-ammissjoni tal-intimati t-talba dedotta fir-rikors tirrizulta pruvata;

Fuq ammissjoni tal-intimati tiddecidi billi tilqa’ t-talba tas-socjeta’ rikorrenti kif dedotta fir-rikors bl-imghax u bl-ispejjez kontra l-intimati.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------